VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,697, 4 ta' Awwissu, 2026
Taqsima B

A.L. 211 tal-2026

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35) ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Regolamenti tal-2026 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet u tal-artikolu 38 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura. Titolu u għan.

(2) Id-drittijiet provduti f'dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw u huma dovuti fir-rigward ta' servizzi mogħtija mill-Gvern skont ir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura. L.S. 425.12.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"applikant" tfisser kwalsiasi persuna naturali jew ġuridika li tissottometti applikazzjoni għal permess skont ir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura; L.S. 425.12.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd; Kap. 425.

"detentur ta' permess" tfisser il-persuna naturali jew ġuridika li lilha jkun inħareġ permess u li hi responsabbli sabiex ikun hemm konformità mal-kondizzjonijiet, l-obbligi u r-rekwiżiti kollha skont ir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura; L.S. 425.12.

"Direttur" tfisser id-Direttur Ġenerali (Sajd u Akkwakultura) *ex officio* bħala l-kap tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura;

"dritt amministrattiv li jitħallas darba" tfisser id-dritt li jitħallas darba waħda biss għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għal permess ġdid skont ir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura; L.S. 425.12.

"dritt mal-approvazzjoni li jitħallas darba" tfisser id-dritt li jitħallas darba waħda biss malli d-Direttur japprova applikazzjoni għal permess ġdid skont ir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura. L.S. 425.12.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kliem u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti li huma wkoll użati fl-Att u fir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura iżda li mhumiex imfissra hawn għandu jkollhom l-istess tifsira assenjata lilhom fl-Att u, jew fir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura. L.S. 425.12.

Drittijiet dovuti għal applikazzjoni ġdida għal permess. L.S. 425.12.

3. (1) L-applikant li japplika għal permess skont l-artikoli 26 u 27 tal-Att u skont l-artikolu 4 tar-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura għandu jħallas lid-Direttur id-drittijiet speċifikati fl-Ewwel Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Id-dritt amministrattiv li jitħallas darba u, fejn applikabbli, id-dritt mal-approvazzjoni li jitħallas darba speċifikati fl-Ewwel Skeda għandhom jiġu akkreditati mid-Direttur lill-Fond tal-Akkwakultura mwaqqaf skont ir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura. L.S. 425.12.

Ħlas ta' dritt annwali u kontribuzzjonijiet li jitħallsu għaż-żamma fis-seħħ tal-permess. L.S. 425.12.

4. (1) Kull detentur ta' permess skont l-artikoli 26 u 27 tal-Att u r-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura għandu jħallas lid-Direttur il-kontribuzzjonijiet annwali speċifikati fit-Tieni Skeda.

(2) Il-kontribuzzjonijiet annwali dovuti skont dan ir-regolament għandhom jiġu akkreditati mid-Direttur lill-Fond tal-Akkwakultura mwaqqaf skont ir-regolament 2A tar-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura. L.S. 425.12.

Nuqqas ta' ħlas.

5. Id-Direttur għandu jissospendi kwalunkwe proċess ta' applikazzjoni, tiġdid jew kontinwazzjoni ta' permess fejn kwalunkwe dritt jew kontribuzzjoni annwali dovuti skont dawn ir-regolamenti ma jitħallsux fiż-żmien preskritt.

Emendi konsegwenzjali. L.S. 425.12.

6. Ir-Regolamenti dwar l-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) is-subregolament (4) tar-regolament 4 tar-regolamenti

prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) L-applikant u d-detentur ta' permess għandhom iħallsu d-drittijiet u l-kontribuzzjonijiet stipulati fir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-Operazzjonijiet tal-Akkwakultura:

L.S. 35.43.
L.S. 425.21.

Iżda d-Direttur għandu jissospendi kwalunkwe proċess ta' applikazzjoni, tiġdid jew kontinwazzjoni ta' permess fejn kwalunkwe dritt jew kontribuzzjoni dovuti skont dawk ir-regolamenti ma jitħallsux fiż-żmien preskritt.";

(b) is-subregolament (6) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Il-permess għandu jkun validu għal perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena:

Iżda l-kontinwazzjoni ta' permess hija soġġetta għall-konformità tal-operatur mal-kondizzjonijiet kollha msemmija taħt is-subregolamenti (4) u (5):

Iżda wkoll l-operatur għandu f'kull waqt ikun f'pussess ta' permessi validi kif mitlub mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, skont l-Att għall-Protezzjoni tal-Ambjent.".

Kap 549.

(ċ) is-subregolamenti (11) sa (13) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra.

L-EWWEL SKEDA
(regolament 3)

Ħlas ta' drittijiet relatati ma' applikazzjoni ġdida għal permess

Dritt	Ammont (€)
Dritt ta' applikazzjoni li jitħallas kif ġej, konsistenti fi:	
- Dritt amministrattiv li jitħallas darba mas-sottomissjoni ta' applikazzjoni, akkreditat lill-Fond tal-Akkwakultura.	3,500

- Dritt mal-approvazzjoni li jitħallas darba mal-approvazzjoni ta' applikazzjoni, akkreditat lill-Fond tal-Akkwakultura.	31,500
- Dritt li jitħallas darba biss fl-ewwel sena tal-permess mal-assenjament ta' żona u, jew allokazzjonijiet ta' kwoti rilevanti.	230,000

IT-TIENI SKEDA
(regolament 4)

Ħlas ta' dritt annwali u kontribuzzjonijiet li huma dovuti għall-kontinwità tal-validità ta' permess.

Dritt	Ammont (€)
Dritt annwali li hu dovut kull sena wara l-ewwel sena ta' permess.	35,000
Kontribuzzjoni annwali A għall-operazzjonijiet tal-akkwakultura li jinvolvi t-*Thunnus thynnus,* akkreditata lill-Fond tal-Akkwakultura.	10,000
Kontribuzzjoni annwali B għall-operazzjonijiet tal-akkwakultura li jinvolvi speċijiet oħra, akkreditata lill-Fond tal-Akkwakultura.	5,000
